Is-Sur Saviour Camilleri

# L-Isla fit-Twelid Tagħha



*Dehra mill-ajru tal-belt ta' l-Isla.*

Meta wieħed ikun fil-Barrakka ta' fuq, u jitfa' ħarstu għal fuq il-Port il-Kbir, mill-ewwel jaqgħu taħt għajnejh, Sant'Anġlu u l-Isla, fil-faċċata tiegħu. Fil-lemin tiegħu, tiġi l-Isla bi promontorju jisporġi ruħu għal fuq il-baħar kenni, tal-Port il-Kbir. Dan il-promotorju, li fix-xewka tas-sur għandu gardjola mill-isbaħ, jifred il-baħar mieles f'żewġ daħliet li l-baħar jibqa' dieħel sa ġewwanett għalkemm ma jdawwarx il-penisola kollha.

Il-kelma *Isla* ssawret ruħha mill-kelma Latina *insula* bit-Taljan *isola* u għalhekk ġiet tfisser gżira. Minkejja li mhix gżira totali, minħabba l-għonq ta' triq li tgħaqqad l-Isla ma' Bormla, dan l-isem xorta joqogħdilha għax il-bqija ta' l-art hija mdawra kollha bil-baħar.

Minn dan, wieħed malajr jasal biex jifhem li t-territorju li fuqu tinsab mibnija l-Isla, huwa żgħir ħafna u hu ffurmat minn żewġ għoljiet, li qabel kienu jissejħu *L-Għolja tal-Mitħna* u *L-Għolja ta' San Ġiljan*. Illum dawn insibuhom aħjar bħala *Fuq San Filippu* u *Fuq il-Vitorja* rispettivament. Għaldaqstant il-medda ta' l-art tasal sa 275 metru tul u 107 metru wisa'.




*Pjanta ta' l-Isla li fiha nosservaw indikazzjonijiet f'miżura ta' Yards ta' l-għoli li kull parti għandha mil-livell tal-baħar.*

Mal-miġja tal-kavallieri f'Malta fl-1530, il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, wara li għażlu lill-Birgu bħala l-kwartieri tagħhom, raw ta' biswithom, u wara li għarfu s-sbuħija naturali li kellha l-Isla, ħasbu li kienet xierqa bħala post għall-mistrieħ. Kien għalhekk li nżergħu ħafna siġar li bidlu l-post kollu f'sura ta' bosk, minn fejn il-kavallieri setgħu jagħtuha għall-kaċċa fil-ħin ħieles tagħhom.



*Il-Ponta ta' l-Isla.*



*Il-kappella ddedikata lil San Ġiljan*

Tqiegħdu wkoll żewġ imtieħen tar-riħ filwaqt li dawn l-inħawi malajr ġew magħrufa bħala *L-Għolja tal-Mitħna*.

Aktar lejn nofs dan l-ilsien ta' art, fejn iż-żewġ għoljiet jidħlu f'xulxin, u li jiġi faċċata tal-Birgu, kienet tinsab knisja ċkejkna ddedikata lil San Ġiljan. Hawn, ta' min iżomm, li l-ewwel knisja ta' San Ġiljan inbniet fl-1311, imma xejn m'hemm dokumentat. Għalhekk l-ewwel bini ċert ta' din il-knisja kien għall-ħabta ta' 1539, fejn inbniet bil-benevolenza tal-kavallier Portugiż, Fra Diegu De



*Il-Gran Mastru Juan D'Homedes ipproġetta li l-Isla, jew aħjar, iż-żewġ għoljiet ta' San Ġiljan u tal-Mitħna, jissaħħu bi swar qawwijin. Dan kien il-bidu tal-Forti San Mikiel. L-inġinier kien Pedro Pardo.*



***Il-Gran Mastru De La Senglè ried li l-Isla tkun belt ġdida mwaqqfa minnu. Għall-Isla, hu wera ġenerożità kbira, u ħareġ ħafna minn tiegħu biex isaħħaħha, u jibda jgħammarha bil-Maltin.***

Malfreire. Wieħed jinnota u jgħid, għalhekk li l-fatt li t-titular huwa San Ġiljan li huwa wkoll il-protettur tal-kaċċaturi. Ma setax jonqos li din il-knisja ma kellhiex rabta mill-qrib mal-ħsieb tal-kavallieri, li jdawru l-firxa ta' l-art f'bosk maħsub biex ikun post tajjeb għall-kaċċa.

Fis-sena 1550, il-Gran Mastru Aragoniż Juan D'Homedes, ħaseb biex lill-Isla jsaħħaħha bis-swar qawwijin biex tkun tista' tiddefendi ruħha għal kull eventwalità ta' xi attakk dak iż-żmien mit-Torok. Taħt il-gwida ta' l-inġinier Spanjol, Pedro Pardo, inbeda l-bini tal-Forti San Mikiel biex l-Isla tkun tista' tilqa' għal kull ħbit li jsir min-naħa ta' Kordin. Il-forti tqiegħed taħt il-ħarsien ta' San Mikiel, għax, skond l-istoriku ta' l-Ordni Jacomo Bosio, kien lest fit-8 ta' Mejju, 1552, il-jum li fih il-knisja kienet tfakkar id-dehra ta' dan l-Arkanġlu. Hemm fehma oħra li tgħid, li l-forti ġie mqiegħed taħt il-ħarsien ta' San Mikiel, għax San Mikiel kien minn dejjem meqjus bħala l-aqwa difensur ta' dawk kollha li joffru ruħhom biex jiddefendu lir-reliġjon waqt il-kumbattiment.

Minn issa 'l quddiem, din l-Għolja ta' San Ġiljan ħadet l-isem ġdid tagħha ta' San Mikiel, u kien minn dakinhar li l-Isla taf il-bidu tal-ħajja vera tagħha. Kien għalhekk li l-Kunsill Lokali ta' l-Isla għażel it-8 ta' Mejju bħala jum l-Isla, għax kien f'dan il-jum li l-Isla bdiet tissawwar, bl-ewwel bini tagħha jkun il-forti San Mikiel.

## Il-Magħmudija ta' l-Isla – Senglea

Wara Juan D'Homedes, il-kavallieri għażlu Gran Mastru Franċiż, bl-isem ta' Claude De La Senglè li dam biss erba' snin (1553-1557). Dan il-Gran Mastru tefa' għajnejh fuq l-Isla, fejn ried jorbot ismu magħha billi nefaq u taha minn tiegħu wkoll ferm aktar milli taha



*Il-Kripta tal-Gran Mastri li tinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann u li fiha hemm midfun il-Gran Mastru Claude De La Senglè.*

D'Homedes. Dan il-fundatur ta' din il-belt ġdida tiegħu, saħħaħha u sebbaħha kemm felaħ biex din il-belt tkun protetta kif imiss għal kull invażjoni li tinqala'. Dan għamlu billi bena ħitan ħoxnin u għoljin fuq dik in-naħa tal-forti li kienet tagħti għall-promontorju ta' Kordin.

Swar oħrajn żdiedu biex idawru ż-żewġ għoljiet ta' l-Isla, u jsaħħu aktar ir-reżistenza tal-belt. Sar ukoll tħaffir madwar it-torri biex il-foss ta' madwar il-forti seta' jimtela bl-ilma baħar. Sadanittant, l-art bdiet tingħata b'ċens irħis biex il-Maltin setgħu jibnu djarhom. Ta' min isemmi li l-ewwel djar kienu qrib il-Forti San Mikiel.

Barra dan kollu, De La Senglè, kompla jiżviluppa l-belt b'dawk il-bżonnijiet kollha, fosthom, fosos tal-qamħ, li għal dak iż-żmien kienu jinħtieġu biex verament l-Isla tkun meqjusa bħala belt.

Il-fosos tħaffru f'naħa mill-iżjed għolja ta' l-Isla. B'hekk l-Isla saret ir-raba' belt ta' dawn il-gżejjer, wara, l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella ta' Għawdex. Issa ġara li dan il-fundatur ta' din il-belt ġdida ma laħaqx gawda din il-belt tiegħu, għaliex miet fit-18 ta' Awissu, 1557. Huwa ndifen fil-kripta tal-Gran Mastri fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Qalbu qed tinżamm separatament fil-Knisja tal-Lunzjata li l-Patrijiet Karmelitani għandhom 'il ġewwa mir-Rabat.

Nagħlaq hawn, billi nazzarda ngħid, li l-kelma *Isla* nużawha fit-taħdit tagħna ta' kuljum, filwaqt li l-isem *Senglea* aktar nużawha meta nirreferu għall-Isla b'ċerta importanza, u kif ukoll f'kitbiet uffiċjali.


**Senglea Athletics F.C.**

**Triq il-Vitorja**

**Drinks u Appetizers Ġenwini**

***Il-Kumitat u l-Membri***
***jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd***



Café de Capri

**Bar, Take-Away & Pizzeria**

*Prop. – Charlie Genovese*

**L-Aqwa fost l-aħjar**

**2, St. Julian Str., Senglea**

**Tel: 2180 9268 • Mob: 9982 3199**